**26 ta' Ġunju, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Anthony Ellul Sullivan, bħala Direttur u in rappresentanza tad-Ditta *Mediterranean Trading Shipping Company Limited*

*versus*

Lino C. Vassallo bħala Aġent Reġistratur Ġenerali tal-Bastimenti Merkantili u Baħrin u l-Onorevoli Dr. Patrick John Holland bħala Ministru ta' l-Investimenti Parastatali u tal-Poplu u b'nota tat-18 ta' Mejju, 1983, l-Onorevoli Prim Ministru, bħala l-Ministru responsabbli għall-Port assuma l-atti flok il-Ministru ta' l-Investimenti Parastatali u tal-Poplu u b'nota ta' l-4 ta' Frar, 1985, Anthony Mangion assuma l-atti flok Lino C. Vassallo bħala Aġent Reġistratur Generali tal-Bastimenti Merkantili u Baħrin

**Att ta' l-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili – Għeluq ta' Reġistru – Bandiera Marittima Maltija – Diskrezzjoni Ministerjali – Opportunità Xierqa li jsiru Rappresentazzjonijiet – Ġurisdizzjoni tal-Qorti biex Tiddeċidi dwar Validità ta' Att Impunjat – Ġurisdizzjoni li Tidħol fil-Mertu – Art. 742 tal-Kodiċi ta' Proċedura – Ġustizzja Naturali – Distribuzzjoni ta' Poteri fl-Istat**

*L-attur aġixxa sabiex talab ir-revoka ta' l-għeluq tar-Reġistru ta' żewġ bastimenti u l-konsegwenti kanċellazzjoni tal-Bandiera Maltija. Ġiet eċċepita preliminarjament in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni li tistħarreġ l-ordni maħruġa mill-Ministru in kwistjoni fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet pubbliċi tiegħu.*

*L-ewwel Qorti rriteniet illi fil-każ kellha ġurisdizzjoni tiddeċidi dwar il-validità ta' l-att impunjat imma ma kellhiex il-ġurisdizzjoni li tagħti hi stess id-deċiżjoni fil-mertu tal-kwistjoni. Fil-mertu sabet illi l-għeluq tar-Reġistru tal-bastimenti kien illegali stante biss li ma ġiex meħud kif trid il-liġi u ordnat illi l-attur jingħata opportunità xierqa li jagħmel osservazzjonijiet jew "rappresentanza".*

*Il-Qorti ta' l-Appell wara li eżaminat il-portata ta' l-artikoli relattivi*

*għal opportunità xierqa għal rappresentazzjonijiet sabet illi l-attur nomine ma ngħatax tali opportunità. Dan fisser ksur ta' disposizzjoni ta' liġi esplicita u ġab bħala konsegwenza ksur ta' liġi li eradika l-ġurisdizzjoni tal-Qorti fit-termini ta' l-art. 742 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.*

*Ġiet għalhekk ikkonfermata s-sentenza ta' l-ewwel Qorti.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-Qorti tal-Kummerċ li biha l-attur *nomine* bħala Direttur u in rappresentanza tas-soċjetà *Mediterranean Trading Shipping Company Limited* wara li ppremetta:

1) Illi huwa proprjetarju tal-vapuri *M.V. Carabella* u *M.V. Mariabella,* żewġ vapuri li kienu ġew irreġistrati bħala vapuri Maltin skond l-Att ta' l-1973 Dwar il-Bastimenti Merkantili;

2) Illi permezz ta' ittra ta' l-1 ta' Novembru, 1982, mibgħuta lill-istanti mill- u fuq l-awtorità tal-konvenuti *nomine,* l-istess istanti ġie infurmat illi l-għeluq tar-Reġistru Malti tal-fuq imsemmija vapuri kien qiegħed jiġi kkontemplat a tenur ta' l-artikolu 80(1) ta' l-Att fuq imsemmi u ċjoè "fl-interess tal-vapuri Maltin" u li jekk sa erbat ijiem wara, jiġifieri sal-5 ta' Novembru, 1982, l-istanti ma jagħmilx rappreżentazzjonijiet sodisfaċenti, ir-Reġistru Malti ta' l-imsemmija vapuri jingħalaq immedjatament;

3) Illi nonostanti żewġ ittri ta' l-istanti ddatati l-1 u 11 ta' Novembru, 1982, fejn talab lill-konvenuti jakkordawlu d-dritt li jagħtuh ir-raġunijiet għaliex il-Ministru fl-interess tal-

vapuri Maltin kien qed jikkontempla l-għeluq tar-Reġistru Malti ta' l-imsemmija vapuri, sabiex l-istanti jkun jista' jagħmel, kif il-liġi stess ittih dritt li jagħmel, dawn ir-rappreżentazzjonijiet li jidhirlu xierqa – il-konvenuti mhux talli ma rrispondewx għall-imsemmija ittri talli għall-kuntrarju huma, apparti li njoraw l-istess kompletament, arbitrarjament, inġustament u llegalment, dak in-nhar stess (11 ta' Novembru, 1982) tat-tieni ittra ta' l-istanti, wasslu bl-idejn fil-5.00 p.m., ċirka fl-uffiċċju ta' l-istanti (fil-ħin ta' l-għeluq), żewġ ittri (waħda għal kull vapur), fejn barra milli l-istanti ġie infurmat illi r-Reġistru Malti taż-żewġ vapuri msemmija ġie magħluq b'effett mill-5 ta' Novembru (sebat ijiem qabel ġie wkoll ordnat b'theddida tal-penalitajiet ikkontemplati taħt l-Att ta' l-1973, Dwar il-Bastimenti Merkantili biex jottempera ruħu ma' dawn l-'ordnijiet';

4) Illi l-aġir u l-mod xejn normali adottat mill-konvenuti u l-fatt li dawn volutament naqsu li jagħtu r-raġuni għaliex kien qed jiġi kkontemplat l-għeluq tar-Reġistru Malti taż-żewġ vapuri, impossibilità lill-istanti milli jagħmel dawk ir-rappreżentazzjonijiet li għandu dritt għalihom – għax wara kollox kif jista' wieħed jagħmel rappreżentazzjonijiet meta ma jafx ir-raġuni li jrid jikkumbatti?;

5) Illi nonostante dan u nonostante skambju ta' korrispondenza oħra, il-konvenuti, mingħajr l-ebda raġuni valida skond il-liġi, baqgħu b'abbuż ta' poter jippersistu li jinjoraw it-talbiet ġustifikati ta' l-istanti u b'hekk ma jagħtux, kif fil-fatt sallum għadhom ma tawx, ir-raġuni li wasslithom biex jieħdu d-deċiżjoni li ħadu;

6) Illi dan l-aġir persistentement illegali u abusiv tal-konvenuti, apparti d-diffikultajiet kbar li ħoloq u qed joħloq lill-

istanti, ikkawża, qed jikkawża u għad jista' jikkawża danni *konsiderevoli lill-istanti*, tant illi l-effett prattiku ta' din id-deċiżjoni huwa li l-vapuri huma mblukkati fejn jinsabu, u għalhekk l-istanti ma jistax ikompli bix-xogħol magħmul tul dawn l-aħħar ħamsa u tletin sena, ċjoè il-ġarr ta' merkanzija b'vapuri proprjetà tiegħu minn Malta u *viceversa;*

Talab – wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jingħataw il-provvedimenti opportuni:

1. Li jiġi ddikjarat u deċiż illi d-deċiżjoni u l-ordnijiet minnha derivanti sabiex jingħalaq ir-Reġistru Malti tal-vapuri Maltin *M.V. Carabella* u *M.V. Mariabella* hi waħda illegali u abbusiva, *stante* li ma ġietx meħuda kif titlob il-prattika u l-liġi u *stante* li tmur oltre l-poteri li l-konvenuti fiċ-ċirkostanzi tal-każ seta' qatt kellhom;

2. *Li din il-Qorti tordna lill-konvenuti li jirtiraw u/jew* jirrevokaw kull ordni mogħtija li permezz tagħha r-reġistrazzjoni Maltija fil-konfront ta' l-istess żewġ vapuri ġiet ikkanċellata;

3. Li din il-Qorti tordna lill-konvenuti li fi żmien qasir li jogħġobha tiffissa l-istess Qorti jerġgħu jpoġġu l-ismijiet ta' l-istess vapuri *M.V. Carabella* u *M.V. Mariabella* fuq ir-Reġistru Malti tal-Bastimenti Merkantili, b'mod li dawn jibqgħu rreġistrati bħala vapuri taħt il-bandiera Maltija, *salva kull azzjoni* tad-danni spettanti lill-istanti kontra l-konvenuti, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest legali tas-6 ta' Diċembru, 1982, kontra l-konvenuti;

Rat a fol. 11 tal-proċess in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* li biha qalu:

1. Li *stante* li l-konvenut Ministru ta' l-Investimenti Parastatali u tal-Poplu kien ordna li tingħalaq ir-reġistrazzjoni taż-żewġ vapuri bil-poteri li għandu taħt l-art. 80 ta' l-Att ta' l-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili, dina l-Qorti skond l-art. 743(2) tal-Kodiċi ta' *Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma* għandhiex ġurisdizzjoni li tistħarreġ din l-ordni maħruġa minnu fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet pubbliċi tiegħu jew tordna dak li qed jitlob l-attur fiċ-ċitazzjoni;

2. Bla preġudizzju tal-premess il-konvenut Aġent Reġistratur-Ġenerali tal-Bastimenti Merkantili u Baħrin ġie mħarrek inutilment u għandu jinħareġ barra mill-kawża a spejjeż ta' l-attur *stante* li taħt l-art. 80(2) ta' l-Att ta' l-1973 fuq imsemmi l-unika funzjoni tiegħu hi li jnizzel l-ordni ministerjali ta' għeluq tar-reġistrazzjoni ta' bastimenti fil-ktieb appositu, u għalhekk bla ebda mod ma għandu jirrispondi għat-talbiet ta' l-attur kif dedotti kontra tiegħu, billi ma jirrigwardax lilu;

3. L-ordni mogħtija mill-Ministru fuq imsemmi saret taħt id-disposizzjonijiet u bil-poteri lilu mogħtija u għal raġunijiet *validi taħt l-art. 80 ta' l-Att ta' l-1973 dwar il-Bastimenti* Merkantili;

Rat li l-partijiet ippreżentaw maċ-ċitazzjoni u n-nota ta' l-eċċezzjonijiet id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-noti tax-xhieda tagħhom, u l-konvenuti ma' dik in-nota ta' l-eċċezzjonijiet esibew żewġ dokumenti ċjoè (1) a fol. 14 kopja ta' l-ittra tal-konvenut Vassallo, in data tal-11 ta' Novembru, 1982, dwar il-*M.V. Mariabella,* lill-kumpanija ta' l-attur fejn avżah li r-reġistrazzjoni ta' dak il-vapur ġiet magħluqa taħt l-art. 80 ta' l-Att u ta' l-ordnijiet *oħra konnessi u konsegwenzjali kif jissemma* 'l quddiemm (Dok. XI) u (2) a fol. 15 kopja ta' ittra ta' l-istess

konvenut, in data 1 ta' Novembru, 1982, lill-istess attur li biha avżah (a) li fl-interess tal-bastimenti Maltin u skond l-art. 80(1) tal-*Merchant Shipping Act, 1973*, il-kjusura tar-Reġistru Malti taż-żewġ bastimenti in kwistjoni kienet ikkontemplata u li (b) jekk sal-5 ta' Novembru, 1983, fit-3 p.m., ma jissottomettix *"satisfactory representations"* (iż-żewġ ittri huma bl-Ingliż) l-għeluq tar-Reġistru taż-żewġ bastimenti jiġi effettwat immedjatament;

Rat in-nota pprezentata fit-18 ta' Mejju, 1983, l-Onorevoli Prim'Ministru, bħala Ministru responsabbli għall-Port, assuma l-atti tal-kawża flok il-Ministru konvenut;

Rat li matul is-smigħ tal-kawża xehdu għall-attur, l-attur stess (fol. 40, 52 u 59) u l-Avv. Dottor Ronald Cuschieri (fol. 54B b'kopja żejda a fol. 64) u Eric Sullivan, wieħed mid-Diretturi tal-kumpanija attriċi, li tagħha l-attur stess hu *Managing Director* (fol. 71) u li għan-naħa tal-konvenuti ma xehed ħadd;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tat-2 ta' Ġunju, 1983, li biha dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni sa fejn tidħol il-validità ta' l-att ministerjali impunjat biċ-ċitazzjoni u dana minħabba l-illegalità fiha nnifisha ta' dak l-att (art. 743(2) Kod. Proċ. Ċiv.) issa 742(2) tal-Kap. 12 magħmula astrazzjoni minn kull allegazzjoni ta' abbuż kif imsemmi fiċ-ċitazzjoni ħlief in kwantu abbuż jista' jikkonsisti anke fl-illegalità stess ta' l-att, u laqgħet l-istess eċċezzjoni fejn tidħol il-kwistjoni ta' għoti ta' ordni minn dik il-Qorti flok il-Ministru biex jerġa' jinfetaħ ir-Reġistru tal-bastimenti in kwistjoni (art. 743(3) Kod. Proċ. Ċiv.) issa 742(3) tal-Kap. 12, iddikjarat li *in vista* ta' dak kollu li ntqal fil-korp tas-sentenza ma hemmx lok iżjed ta' deċiżjoni *"ad hoc"* fuq it-

tielet eċċezzjoni; laqgħet l-ewwel talba ta' l-attur *nomine* billi ddikjarat u ddeċidiet li l-ordni għall-għeluq tar-Reġistru tal-*M.V. Carabella* u tal-*M.V. Mariabella* kien illegali, *stante* biss li ma ġiex meħud kif trid il-liġi fiċ-ċirkostanzi spjegati, iktar 'il fuq f'din is-sentenza, laqgħet ukoll it-tieni talba, limitatament biss fis-sens li flok ma ordnat dak li fiha hemm mitlub meta jittieħed fl-estensjoni kollha tiegħu, ordnat minflok li jittieħdu l-passi meħtieġa biex fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata (li jkun jista' jiġi prorogat għal darba biss u għal raġuni tajba fuq rikors idoneju wara l-atti ta' din il-kawża) tingħata opportunità **xierqa** lill-attur *nomine* li jagħmel l-osservazzjonijiet jew *"representations"* tiegħu skond l-art. 80(1) tal-*M.S.A. 1973*, għaliex m'għandux jittieħed il-pass ikkontemplat li jingħalaq ir-Reġistru ta' l-imsemmija bastimenti, billi jiġulu spjegati bil-miktub, jew imqar bil-fomm, ir-raġunijiet li minħabba fihom dak il-pass jinsab ikkontemplat, u dan anke bl-applikazzjoni ta' l-art. 220 Kod. Proċ. Ċiv. issa 222 tal-Kap. 12, u konsegwentement illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju dwar il-kumplament tat-tieni domanda u t-tielet domanda minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni u rriservat kull dritt ieħor ta' l-attur *nomine "si et quatenus"* u minħabba n-novità tal-każ u n-natura tal-kwistjonijiet legali dibattuti ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet u d-dritt tar-Reġistru jitħallas nofs kull wieħed bejniethom u dan kollu wara li dik l-Onorabbli Qorti kkunsidrat dan kollu li ġej u ċjoè:

"Bħala dokumenti l-attur esebixxa l-korrispondenza kollha dwar dan l-episodju, ta' liema dokumentazzjoni hemm a fol. 21 (kopja oħra a fol. 35) indiċi jew elenku ċar prodott mill-attur fejn intqal fil-qosor il-kontenut ta' kull dokument hekk esebit mid-Dok. 1 sad-Dok. 13 li jkopru mill-fol. 22 sa 34 tal-proċess. Barra minn dan hu esebixxa kopja ta' protest legali li hu bagħat

lill-konvenuti fil-15 ta' Diċembru, 1982 (fol. 46) u tal-kontro-protest li hu rċieva minn għandhom wara fol. 44)'';

''Il-Qorti, issa, wara li eżaminat dawn ix-xhidiet, id-dokumenti esibiti, u l-atti kollha tal-kawża, u semgħet l-abili trattazzjoni tad-difensuri Professur Joseph M. Micallef u l-Avv. Dottor Ronald Cuschieri għall-attur, u l-Avv. Dottor Carmelo Testa, Avukat Anzjan tar-Repubblika, sejra tagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet'';

''Fl-ewwel lok ikun loġiku li tiġi kkunsiderata u deċiża t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti'';

''B'din l-eċċezzjoni huma ssottomettew li l-konvenut Vassallo, bħala Aġent Reġistratur-Ġenerali tal-Bastimenti Merkantili, ġie mħarrek inutilment u għandu jiġi maħruġ barra mill-kawża għax hu, taħt l-art. 80(2) ta' l-Att importanti ta' l-1973 dwar il-*Merchant Shipping,* ma għandux x'jagħmel ħlief li jnizzel l-ordni tal-Ministru kompetenti u għalhekk **m'għandux jirrispondi** għat-talbiet fiċ-ċitazzjoni **għax dawn ma jirrigwardawx lilu** (sottolinear tal-Qorti). Il-kliem ''m'għandux jirrispondi'', tradotti f'termini ġuridiċi, ifissru li hu jikkontendi, u l-Ministru kkontenda miegħu, li hu mhux dak li fil-Qrati nsejħulu ''leġittimu kontradittur'', u fl-ipotesi li l-eċċezzjoni tiġi akkolta, ikun hemm liberazzjoni tiegħu mhux mill-mertu imma mill-osservanza tal-ġudizzju'';

''Fuq din il-kwistjoni l-Qorti tirrikonoxxi li taħt l-art. 80(2) il-funzjonijiet tar-Reġistratur huma limitati u hu għandu bħala *civil servant* jobdi u jesegwixxi l-ordni tal-Ministru. Iżda l-kwistjoni trid tkun tassew waħda li, fi kliem il-konvenut odjern stess, ''ma tirrgwardax lilu'', bħallikieku jiġifieri kienet ''*res inter*

*alios acta"*. Il-Qorti ma tistax raġonevolment, u meħud rigward tal-funzjonijiet ġenerali ta' dan l-uffiċjal pubbliku taħt il-*Merchant Shipping Act,* (iżjed 'il quddiem *"M.S.A."*) tagħna, tasal sa dan il-punt estrem. Hu l-uffiċjal maħtur bil-liġi biex jakkudi, jieħu ħsieb u jżomm korrett u pulit u in ordni u *"up-to-date"* r-Reġistru tal-bastimenti merkantili, reġistru importantissimu għal pajjiż portwali, marbut ma' l-industrija marittima, bħal taħgna, u bħala tali ma jistax ġustament jirritjeni li l-kawża, u l-ordnijiet li jistgħu jingħataw fiha u talvolta inċidentali u konsekwenzjali għaliha, ma jirrigwardawh xejn, għax fuq il-Ministru hemm, almenu sal-punt li għad irridu naraw, il-liġi. Ħadd ma hu totalment *"above the law"* u anke jekk il-liġi tagħtih poteri (ħafna darbi iżjed "dmirijiet" minn poteri) ikun irid jaġixxi taħt il-liġi ċjoè *"according to law"* kif għandu jkun fl-istat legali, u għalhekk ir-Reġistratur, fl-aħħar analiżi, ma jistax jgħid korrettament li m'għandux għalfejn josserva dan il-ġudizzju u ma jagħtix kasu, u dana fl-interess stess tiegħu u tar-Reġistru li għat-tenitura tiegħu hu l-uffiċjal inkarigat. Għalhekk din l-eċċezzjoni ma tistax tiġi milqugħa favorevolment, u qiegħda tiġi miċħuda bl-ispejjeż kif jingħad 'il quddiem";

"Niġu issa għall-konsiderazzjoni ta' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, li biha l-konvenuti ssottomettew li l-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni għall-każ, u dana, almenu kif huma jikkontendu, għax l-Onor. Ministru li laħaq ta l-ordni impunjata biċ-ċitazzjoni (fl-aħħar tal-kawża l-Onorevoli Prim Ministru daħal floku minħabba trasferiment amministrattiv tar-responsabbilità għall-Port) aġixxa bil-poteri lilu mogħtija taħt l-art. 80 tal-M.S.A., u kwindi – dan hu l-fil loġiku tagħhom – l-art. 743(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jeskludi l-ġurisdizzjoni, jiġifieri l-poter dmir ta' din il-Qorti li tindaga jekk

dik l-ordni saritx minnu fl-eżerċizzju tal-mansjonijiet pubbliċi tiegħu **jew** tordna dak li qed jitlob l-attur. Hawn jiġi nnutat li din l-eċċezzjoni ripudjanti l-ġurisdizzjoni tal-Qorti hi, fil-konċezzjoni tagħha, ta' forma u natura ibrida in kwantu li tiddistingwi bejn il-poter ġurisdizzjonali (u l-Qorti ma tisbax tirrepeti li dan hu iktar **dmir** minn poter) tal-Qrati (a) biex jindagaw il-legalità ta' l-ordni ministerjali u (b) biex jagħtu huma ordnijiet oħra minflok. Din hi distinzjoni importanti'';

''Fl-eżami ta' din il-kwistjoni jkun aħjar li l-ewwel jintqalu fil-qosor il-fatti li jservu ta' sfond, biex dawn imbagħad ikunu jistgħu jiġu pparagonati u valjati mal-liġi. Ingħad ''fil-qosor'' għaliex il-fatti huma sempliċi u ċari biżżejjed, u jirriżultaw ampjament mid-dokumenti esebiti mill-attur u mix-xiehda. Fi ftit kliem, is-soċjetà rappresentata mill-attur hi l-proprjetarja taż-żewġ bastimenti msemmija fiċ-ċitazzjoni, ta' ċirka 500 tunnellata lordi 'l wieħed, u kienu l-ewwel nies li bħala armaturi Maltin irreġistraw dawn il-vapuri taħt il-M.S.A., meta dan daħal fis-seħħ fl-1975, wara li kienu ilhom iħaddmuhom minn żmien twil qabel fil-ġarr tal-merkanzija minn u għal Malta ma' pajjiżi oħra tal-Mediterran, u llum bl-ordni ta' l-Onor. Ministru jinsabu għal kollox impeduti milli jħaddmuhom, bla bandiera u bla port ta' reġistrazzjoni, ipprivati għal kollox, kif tajjeb issottometta l-Professur J. Micallef, minn dik il-kważi-personalità ġuridika li tiċċirkonda u tanima kull bastiment. Fl-1 ta' Novembru, 1982, il-konvenut Vassallo bagħat lill-attur l-ittra Dok. I, fol. 22, li biha avżah li l-għeluq tar-reġistrazzjoni tagħhom kien ikkontemplat ''fl-interess tal-basitmenti Maltin'' u hawn il-qofol tal-kwistjoni), **li jekk sal-5 ta' Novembru, fit-3 p.m., ma jissottomettix *''satisfactory representations''* dak l-għeluq** (fatali għal kull bastiment) **isir dak il-ħin stess.** L-attur irrispondieh dakinhar stess (Dok. 2, fol. 23, permezz ta' Dottor

Cuschieri, u talbu l-kortesija li jgħidlu r-raġunijiet għal miżura bħal din, għax bla raġunijiet fuqhiex kien imsejjaħ jirrispondi ma setax ovvjament jirrispondi. Il-konvenut Vassallo (dana jkompli jenfasizza l-interess tiegħu fil-kawża) baqa' ma rrispondiex, u ma lluminah fuq xejn. L-attur reġa' kitiblu l-għada, 2 ta' Novembru, 1982 (Dok. 3 fol. 24) u talbu almenu estensjoni taż-żmien, billi l-avukat tiegħu (Dottor Cuschieri) kien siefer għal ftit ġranet u infatti kellu jirritorna fil-5 ta' Novembru, stess. Il-konvenut baqa' silenti. Fil-11 ta' Novembru, Dottor Cuschieri reġa' kiteb lil dan il-konvenut u talbu risposta għall-ewwel ittra tiegħu, dik ċjoè fejn talbu jgħarrfu bir-raġunijiet (Dok. 4, fol. 25 li ġiet ikkonsenjata *"by hand"* dakinhar). Irċieva *"acknowledgement"* dakinhar stess (Dok. 5 fol. 26), imma dakinhar stess, xi siegħa u nofs wara, irċieva l-ittri tal-11 ta' Novembru (Dok. 6 u 7, fol. 27 u 28) fejn ġie infurmat li r-Reġistru ta' kull bastiment tiegħu ġie magħluq u b'hekk ma baqax bastiment Malti. Ġie mitlub ukoll, b'kull waħda minn dawn l-ittri, jirritorna ċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni, l-*official logbooks,* ir-*radio telephone, logbooks* u l-kuntratti li kellu ma' l-ekwipaġġ. Ġie ordnat ukoll ineħħi l-isem *"Valletta"* (bħala l-port tar-reġistrazzjoni li jkollu kull bastiment) minn fuq il-poppa, kif ukoll in-numru mill-*"main beam"*, u biex ma jużax iżjed il-*"call sign"* lilu allokat għal kull vapur, u avżat bil-pieni li seta' jeħel jekk ma joqgħodx għal dawn l-ordnijiet, li s'issa l-attur obda, kif ma setax ma jobdix, imma għalih, kif hu xehed, dawn l-ordnijiet kienu qieshom "giljottina". Il-bqija hi storja ta' protesti u kontro-protesti li minnhom l-attur ma ħa ebda sodisfazzjon, b'mod li fl-aħħar fittex ir-rimedju f'dawn il-Qrati. Mill-korrispondenza u protesti esebiti ma rriżulta xejn lill-attur fuqhiex kien ġie mitlub jagħmel ir-*"representations"* tiegħu biex ir-Reġistru ma jiġix magħluq. Fl-ittra tas-16 ta' Novembru, (Dok. 10, fol. 31) il-konvenut Vassallo qallu li r-raġuni ta' l-

għeluq kien ikkunsidrat "fl-interess tax-*Shipping* Malti", iżda din ma żiedet xejn ma' l-ittra ta' l-1 ta' Novembru, u tħalli l-kulħadd fejn kien. Il-punt li l-attur kien qed jipprova jagħmel fl-ittri tiegħu, u li qed jipprova jagħmel f'din il-kawża, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, ma kienx dak, imma "kif jista' wieħed jagħmel *respresentations* jekk ma jkunx jaf ir-raġuni li jrid jikkombatti?";

"Il-partijiet qablu li l-art. 80 tal-M.S.A., hu partikolari għal Malta u ma jinsabx f'liġijiet oħrajn li servew ta' fonti jew mudell u li lanqas fid-dibattitu parlamentari ma ntqal xejn fuqu. Sa hawnehkk jimporta u ma jimpurtax. L-artikolu, wara kollox, jikkonsagra prinċipju mill-iżjed fundamentali tal-ġustizzja naturali, billi għalkemm jagħti poteri anke drastiċi lill-Ministru responsabbli għall-Port, ċjoè li jgħalaq ir-Reġistru, "fl-interess nazzjonali jew fl-interess tal-bastimenti Maltin" jirrikjedi u jordnalu li **qabel** ma jagħmel dan "jagħti lis-sidien tal-bastiment **opportunità xierqa** biex jagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom". Din kienet u għadha l-volontà u l-intenzjoni tal-Parlament meta kkonferietlu dak il-poter, jiġifieri llimitatu li almenu **jisma' l-**parti milquta u jtiha *"a reasonable opportunity to make representations"*. Dan mhux ħlief applikazzjoni tajba u sobrija mil-leġislatur tar-regola sempliċi imma fundamentali *"audi et alteram partem"*;

"Il-Qorti, wara li naturalment qiest sew u kif imiss kwistjoni ta' din l-importanza bejn ċittadin u l-Esekuttiv, jiddispjaċiha tgħid, imma għandha d-dover tgħidu, li fil-fehma tagħha u fid-dawl tal-provi, l-Onor. Ministru ma rnexxilux jimxi skond il-limitazzjoni ammirevoli li l-Parlament imponielu meta ddetta dik id-disposizzjoni ta' liġi, u fi stat organizzat legalment bħal Malta kollox għandu jsir *"according to law"* biex hekk nibqgħu tassew nazzjoni ħieles, b'ċittadini ħielsa u bi Gvern ukoll ħieles,

kollox skond il-liġi u *"according to law"*. Huwa vitali li dan il-prinċipju ta' ġustizzja naturali, ċjoè l-*"audi alteram partem rule"* jibqa' konstatement rispettat";

"F'hiex jikkonsisti dan in-nuqqas, din il-*"breach"*? Il-Ministru ta xi opportunità, imma ma tax opportunità **xierqa** kif trid il-liġi għax ma tax lill-attur l-inqas ħjiel fuqhiex kellu jirrispondi u jagħmel is-sottomissjonijiet, ir-*"representations"* tiegħu. Il-Qorti għandha taħseb li dan kien l-effett ta' ebda spirtu ħażin jew ta' vittimizzazzjoni imma x'aktarx ta' interpretazzjoni u konċett erroneju tal-limiti tal-poter ministerjali u tal-volontà suprema tal-Parlament, li l-Liġijiet tiegħu l-Qorti għandha tirrispetta u tapplika fl-interess ta' kulħadd ugwalment. Il-Qorti ma tippretendix, u lanqas biss ma toħlom jew b'xi mod tissuġġerixxi, li l-Ministru kellu jaċċetta r-*"representations"* li setgħu għamlulu l-atturi kieku tahom l-opportunità xierqa. Dik ħaġa interament tiegħu u tispetta lilu fil-ġudizzju koxjenzjuż tiegħu. Iżda l-artikolu in diżamina jipotizza u jqiegħed lill-Ministru inkarikat f'posizzjoni ta' *"quasi-judicial discretion"*, ċjoè li jrid, qabel ma juża d-diskrezzjoni tiegħu, jaġixxi qisu Qorti u b'hekk jagħti lill-persuni interessati fil-*"vivo"* tal-kwistjoni opportunità **xierqa,** kif ġà ngħad, tagħmel il-każ u tipprova tiġġustifika, jew almenu tiċċara u testenwa, il-posizzjoni tagħha. Biex tagħti xi eżempju, għax il-każijiet jistgħu jkunu numerużi, li l-bastiment ma kienx fil-*"hull"* tiegħu *"tight and staunch for the journey"*, jew ma kienx attrezzat tajjeb, jew kien qiegħed jiġi wżat għal skopijiet illegali jew immorali. Kienu x'kineu dawn ir-raġunijiet li l-Ministru kellu f'moħħu, ma esprimihomx, u baqgħu f'moħħu, u b'hekk kiser il-volontà lilu imposta bi kliem espressi l-iżjed ċari mill-Parlament";

"L-Avukat Anzjan tar-Repubbliku ssottometta l-argument

li dan ma kienx "kastig" u qal ċar u tond li kien qed jirriferixxi għall-kastig ta' natura penali. Qishom maħsuba propju għall-każ preżenti, l-awtorevoli u monumentali **De Smith** *("Judicial Review of Administrative Action, 3rd Edition, 1973 p. 129)* jgħid: *"A person prejudicially affected by a decision must be adequately notified of the case he has to meet in order to exercise any* ***right he may have to make further representations".*** Proprju kliem imfassla u skolpiti għal dan il-każ, għax fil-fatt l-attur kellu d-dritt lilu mogħti mil-liġi stess, *"to make representations"*. Għalhekk ingħad iktar 'il fuq li l-Ministru kien f'posizzjoni *"quasi-judicial"*, fejn il-Parlament stess riedu *"to address his mind"* għar-*"representations"* li kellu obbligu jagħti opportunità xierqa li jsiru. Biex il-Qorti tiftiehem sew u ma tiġix fraintiża, għalhekk, dan mhux każ bħal meta, ngħidu aħna, il-Kummissarju jirrifjuta liċenzja ta' arma tan-nar, fejn id-diskrezzjoni hi purament u prettament amministrattiva jew esekuttiva, u l-liġi tal-Parlament jew ir-regolamenti magħmulin taħtha ma jgħidu xejn li għandu jisma' lil dak jew lill-ieħor, għalkemm lanqas ma jagħmel ħażin jekk, fil-każijiet fejn jistħoqq, jismagħhom. Għal Ministru d-disposizzjoni ta' l-art. 80 hi *"mandatory"* u mhux sempliċement *"regulatory"*. U, apparti minn kull kastig ta' natura penali li l-Avukat Anzjan tar-Repubblika alluda għalih, ma jistax ikun hemm ebda dubju li l-attur kien sejjer isofri preġudizzju, u preġudizzju biżżejjed gravi għalih. Għalhekk mingħajr ma tidħol fi kwistjonijiet ta' eżerċizzju "abusiv" ta' poter kif imsemmi fiċ-ċitazzjoni, kien hemm almenu illegalità u ksur ċar ta' disposizzjoni espliċita tal-liġi";

"Issa l-Qorti trid tara l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni. Fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet il-konvenuti semmew espressament is-sub-artikolu (2) ta' l-art. 743 tal-Kodiċi ta' Proċedura introdott fl-1981, u inoltre, fit-trattazzjoni orali, l-Avukat Testa semma

wkoll is-sub-artikolu (3) li għandu l-importanza tiegħu'';

Taħt is-sub-artikolu (2) il-Qorti għandha ġurisdizzjoni ''*to enquire into the validity of any act or other thing done by the Government or by any authority established by the Constitution or by any person holding a public office in the exercise of their public functions or declare any such act or thing null or invalid or without effect..... (b) when such act or thing is clearly in violation of an express provision of a written law, or (c)* inħallu barra l-każ, (a) ta' l-''*ultra vires*'' li lanqas id-difensuri ta' l-attur ma deherilhom li għandhom isemmu – ''*the due form and procedure has not been followed in a material respect and substantial prejudice has ensued from such non-observance*''. Din id-disposizzjoni tirrispekkja l-konċett tar-''*rule of law*'' li jiggverna dan il-pajjiż. Tassew ma hawn xejn ġdid taħt ix-xemx'';

''Is-sub-artikolu (3), imbagħad, jeskludi l-ġurisdizzjoni tal-Qrati ''li jordnaw lill-Gvern jew awtorità stabbilita mill-Kostituzzjoni jew uffiċjal pubbliku li jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li tappartjeni lill-funzjonijiet pubbliċi tagħhom, meta dak l-għemil jew dik il-ħaġa tkun fis-setgħa tagħhom li jagħmlu jew li ma jagħmlux'';

''Il-Qorti taħseb u tikkonkludi li mill-konfront bejn dawn iż-żewġ disposizzjonijiet, li sa ċertu punt, jingħad sa ċertu punt biss, għax mhux kollox tbiddel taw xejra ġdida lid-Dritt Amministrattiv Malti, għandha toħroġ is-soluzzjoni bbilanċjata bejn id-drittijiet limitati ta' l-Istat, bilanċ li l-Qrati spiss ikollha id-dover iebes li jippruvaw jaġġustaw'';

''Il-konklużjoni li għandha toħroġ minn dan il-miżien hi

li l-Qorti f'dan il-każ għandha ġurisdizzjoni tiddeċidi dwar il-validità ta' l-att impunjat imma ma għandhiex il-ġurisdizzjoni li tagħti hi stess id-deċiżjoni fil-mertu tal-kwistjoni li jispetta lill-Esekuttiv (u ma jingħadx l-Istat għax il-Qrati huma wkoll parti ta' l-Istat, u għalhekk id-distinzjoni li qiegħda ssir). Din id-distinzjoni, imbagħad, tagħmel eku u sa ċertu punt takkolji, – il-Qorti ma tħoss li għandha bżonn tispjega iktar f'dettal – l-aħħar bran ta' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti *(vide supra* fl-eċċezzjonijiet) fejn huma stess iddistingwew bejn l-indaġini fil-validità legali ta' l-att ta' l-Esekuttiv u l-ordnijiet tal-Qrati lill-istess poter Esekuttiv ta' l-Istat. Il-ħsieb tal-Qorti hawnhekk huwa simili u fidili għall-misura adottata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, kif dak iż-żmien kienet għadha ppresjeduta minn Sir Anthony Mamo, f'kawża ta' l-*Income Tax* (jidhrilha mill-memorja li kien il-każ Calleja – Mangion) fejn il-Qorti rriskontrat u ddikjarat li xi partita fl-*"assessment"* ma kinitx korretta, iżda ma għamlitx hi l-ordni ta' x'kien *"chargeable to tax"*, u minflok bagħtet il-każ lura lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex jirrevedih. Dan mhux każ bħal korrezzjoni ta' l-att tat-twelid, ta' żwieġ, jew tal-mewt fejn il-Qorti għandha poteri speċifiċi tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel ċerti korrezzjonijiet";

"Għalhekk, din il-Qorti taħseb ukoll f'dan il-każ, li, korrettament interpretat fl-isfond kollu tiegħu l-art. 743(2) u (3);

(a) għandha ġurisdizzjoni – minħabba ksur ċar ta' disposizzjoni espliċita ta' liġi miktuba, u sa ċertu punt anke minħabba li l-proċedura xierqa ma ġietx segwita f'ħaġa importanti b'mod li wasslet għal preġudizzju sostanzjali – li tiddikjara, kif qiegħda tiddikjara, null, invalidu u bla effett almenu s'issa, jiġifieri sakemm il-Ministru inkarigat ma jagħtix

lill-attur opportunità xieraq li jagħmel ir-*"representations'* tiegħu taħt l-art. 80(1) tal-M.S.A., billi jgħidlu fuqhiex għandu jirrispondi, l-ordni mogħti mill-Ministru preċedenti biex jiġi magħluq ir-Reġistru taż-żewġ bastimenti in kwistjoni (u dan għandu jinnutah il-konvenut Vassallo bħala Reġistratur) kif ukoll li tagħti ordni konsekwenzjali taħt it-tieni domanda, billi *"il più sempre inchiude il meno"*, u b'dan il-mod il-liġi tkun tista' tiġi osservata eżatt, u;

(b) m'għandhiex ġurisdizzjoni taħt it-tieni domanda, u inqas taħt it-tielet domanda, li tagħti hi stess ordnijiet x'għandu jsir fir-Reġistru meta dawn l-ordnijiet jispettaw lill-Ministru responsabbli għall-Port";

"Huwa dover tal-Qorti, skond l-aħjar kriterji tad-distribuzzjoni tal-poteri bejn l-organi ta' l-Istat, li titgħabba iva bl-applikazzjoni tal-liġi, u speċjalment tal-ġustizzja naturali kif espressa bil-volontà tal-Parlament stess, fl-imsemmi art. 80(1) tal-M.S.A., imma mhux li titgħabba bl-amminstrazzjoni tal-Port, li tmiss lill-awtorità kompetenti basta li din timxi dejjem *"according to law";*

Rat a fol. 98 in-nota ta' l-Appell tal-konvenuti u a fol. 100 il-petizzjoni ta' l-appell tagħhom li biha talbu li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellanti u tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet tagħhom u b'hekk tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tagħhom u tiċħad it-talbiet kollha ta' l-attur appellat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat a fol. 111 ir-risposta ta' l-attur appellat *nomine* għall-

appell tal-konvenuti li biha ddikjara li kien qed jipprevalixxi ruħu mill-appell tal-konvenuti biex jinterponi appell inċidentali kontra s-sentenza appellata limitatament għall-kap ta' l-ispejjeż u inoltre għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta talab li din il-Qorti jogħġobha tiċħad l-appell interpost mill-konvenuti *nomine*, tikkonferma fil-mertu s-sentenza appellata, tirriforma l-kap ta' l-ispejjeż billi tiddeċidi li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jiġu ssopportati mill-konvenuti *nomine;*

Rat a fol. 115 in-nota ta' Anthony Mangion ta' l-4 ta' Frar, 1985, li biha ddikjara li kien qed jassumi l-atti ta' dan l-appell flok l-appellanti Lino C. Vassallo billi huwa llum l-Aġent Reġistratur Ġenerali tal-Bastimenti Merkantili u Baħrin;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Frar, 1983, quddiem din il-Qorti li biha Dottor Carmelo Testa għall-konvenuti *nomine* u l-Professur Dottor Joseph Micallef għall-attur *nomine* preżenti l-istess attur iddikjaraw li fil-mori tal-kawża l-vapur *"Mariabella"* kien ġie mibjugħ u li għalhekk illum il-mertu tal-kawża huwa limitat għall-vapur *"Carabella";*

Rat ukoll in-nota ta' l-attur *nomine* tas-26 ta' Frar, 1985, li biha ddikjara li kien qed jirrinunzja t-talbiet dedotti fl-att taċ-ċitazzjoni in kwantu jirrigwardaw il-vapur *M.V. Mariabella* a tenur tal-verbal tal-partijiet ta' dak in-nhar stess u li għalih ġà saret referenza, salv dejjem ferm il-kap ta' l-ispejjeż;

Rat a fol. 125 sa 133 in-nota ta' l-oservazzjonijiet ta' l-appellat Anthony Ellul Sullivan *nomine* u a fol. 135 sa 138 in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuti appellanti b'risposta għan-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-appellati;

Rat l-atti kollha li huma rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel li ser jiġi kkunsidrat hu l-appell tal-konvenuti *nomine;*

L-ewwel aggravju tagħhom jirrigwarda il-*locus standi* fil-ġudizzju tar-Reġistratur Ġenerali tal-Bastimenti Merkantili u Baħrin u s-sottomissjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward huma s-segwenti:

1) L-Ordni għall-għeluq ta' reġistrazzjoni ta' bastiment jagħtiha l-Ministru kkonċernat (art. 80(1) tal-*Merchant Shipping Act)* u r-Reġistratur Ġenerali tal-Bastimenti Merkantili malli jirċievi dik l-Ordni għandu jnizzlu fil-ktieb tar-Reġistrazzjoni. Ir-Reġistratur għalhekk f'din il-funzjoni partikolari m'hu xejn ħlief qiesu skrivan li jikteb dak li jordnalu l-Ministru. Skond l-appellanti din il-funzjoni m'hix xi attività amministrattiva imma hi imposta fuqu bl-istess liġi u jrid isegwiha, jaqbel jew ma jaqbilx ma' l-ordni ministerjali;

2) L-Ewwel talba attriċi titkellem fuq allegazzjoni ta' illegalità tad-"deċiżjoni" u "ordnijiet" ministerjali, li dwarhom żgur dan il-konvenut mhux il-leġittimu kontradittur;

3) It-tieni talba attriċi li l-ewwel Qorti ċaħdet in parti u laqgħet limitatament fis-sens imsemmi fis-sentenza appellata, fil-fehma ta' l-appellanti żgur ma tirrigwardax lir-Reġistratur Ġenerali tal-Bastimenti Merkantili għax kif jista' dan il-konvenut

*jobdi dak li ordnat* il-Qorti u ċjoè "li jittieħdu l-passi meħtieġa biex fi żmien ħmistax-il ġurnata.....tingħata opportunità xierqa lill-attur li jagħmel *representations...*" Skond l-appellanti r-Reġistratur Ġenerali tal-Bastimenti Merkantili m'għandux dak il-poter jew dmir li semmiet l-Ewwel Qorti. Proprju minħabba f'hekk, fil-fehma tagħhom, li dan il-koknvenut ġuridikament u materjalment mhux il-leġittimu kontradittur ta' l-attur *nomine;*

4) *L-attur nomine* permezz *ta' l-appell inċidentali tiegħu* appella biss mill-kap ta' l-ispejjeż u għalhekk il-partijiet l-oħra mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li nqalgħu kontra l-attur *nomine* u li ma appellax minnhom issa *di fronte* għalih saru "*res judicata*". *In vista* ta' dan, skond il-konvenuti appellanti, ir-Reġistratur tal-Bastimenti jekk qabel is-sentenza ma kellux "*locus standi*" u kellu jiġi maħruġ mill-kawża għar-raġunijiet ġà sottomessi minnhom, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ *aktar u aktar m'għandux "locus standi" għar-raġuni ċara li dik* is-sentenza ma tat ebda ordni lir-Reġistratur tal-Bastimenti u għalhekk hu m'għandu ebda interess ġuridiku;

Ikkunsidrat fuq dawn l-aggravji;

Illi din il-Qorti, allavolja f'dan l-istadju għandha quddiemha wħud biss mit-talbiet oriġinali ta' l-attur *nomine,* taqbel ma' dak li sostniet l-Ewwel Onorabbli Qorti illi biex parti konvenuta tiġi deskritta bħala li m'għandhiex *locus standi* fil-ġudizzju billi mhux il-leġittimu kontradittur, il-kwistjoni verament trid tkun waħda li ma tkunx tirrigwardah bħallikieku kienet "*res inter alios acta*";

Issa fil-każ in deżamina din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti ma tistax speċjalment tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan

il-każ u tal-funzjonijiet ġenerali tar-Reġistratur taħt il-*Merchant Shipping Act* tikkunsidrah biss bħala sempliċi skrivan kif donnu qed jippretendi hu stess. Inoltre sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti li wara kollox hu l-uffiċjal maħtur bil-liġi jekk jakkudi, jieħu ħsieb u jżomm korrett u *up to date* r-Reġistru tal-Bastimenti Merkantili u bħala tali ma jistax ġustament jirritjeni li l-kawża u l-ordnijiet li ntalbu uffiċjalment biċ-ċitazzjoni dawk li effettivament ġew mogħtija mill-Ewwel Qorti u li jistgħu jingħataw minn din il-Qorti ma jirrigwardawh xejn. Barra minn hekk ukoll skond l-art. 2 ta' l-Att Amministrattiv tfisser anki persuna *acting under his authority* u m'hemmx dubju li r-Reġistratur jaġixxi taħt l-awtorità tal-Ministru. Dana apparti milli mix-xiehda ta' l-attur *nomine* u ta' dawk prodotti minnu, kollha mhux kontradetti, jidher li r-Reġistratur ma kienx is-sempliċi skrivan li qed jippretendi li kien, iżda l-persuna li lilha ntalbet l-informazzjoni li fuqha l-attur *nomine* seta' talvolta jibbaża r-"*representations*" tiegħu u li baqa' ma tax din l-informazzjoni. Jidher ukoll li kien il-persuna li għall-ittra tal-konsulent legali ta' l-attur *nomine* tat-12 ta' Novembru, 1982 (Dok. 8 a fol. 29) ħa l-inizjattiva li jwieġbu li "il-klijenti tiegħek ġà kellhom żmien biżżejjed biex jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom....";

Anki fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk is-sottomissjoni tal-konvenuti issa appellanti li l-konvenut Reġistratur tal-Bastimenti Merkantili u Baħrin ma għandux *locus standi* f'dan il-ġudizzju hi insostenibbli għax infondata fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għamlet sewwa l-Ewwel Qorti meta ċaħdet l-eċċezzjoni relattiva ssollevata minnhom. L-aggravju ta' l-istess appellanti għalhekk qed jiġi respint;

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti jirrigwarda l-eċċezzjoni tagħhom tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni. F'dan ir-rigward l-aggravju ta' l-appellanti msemmija fi kliem l-istess petizzjoni ta' l-appell huwa kif ġej:

"7. L-ewwelnett għandu jingħad li l-*"closure of registry"* ta' bastiment, kap distint taħt il-*Merchant Shipping Act 1973* jikkomprendi tliet artikoli differenti (78, 79 u 80) għal tlett eventwalijiet distinti. L-ewwel artikolu (78) jirrigwarda għeluq ta' reġistrazzjoni minħabba trasferiment volontarju ta' sid ta' vapur li *"shall be acceded to"* jekk l-applikazzjoni jekk tkun sostanzjata bid-dokumentazzjoni meħtieġa. It-tieni artikolu (79) jirrigwarda ordni ministerjali fejn ikun hemm dubju dwar id-dritt għal reġistrazzjoni ta' bastiment Malti jekk ma tingħatax *"satisfactory evidence". Dan l-artikolu huwa simili għal proċedura legali (dubju, provi sodisfaċenti, deċiżjoni) li però flok isiru fil-Qrati se jsiru ministerjalment. Mhux biss hija meħtieġa "evidence"* jiġifieri **prova ta' fatti konkreti** imma wkoll minimu ta' 30 ġurnata għal ġbir ta' provi;

8. It-tielet artikolu, li jikkonċerna l-każ preżenti huwa ta' natura kompletament differenti mit-tnejn preċedenti. Hawnhekk m'hawnx iżjed ftehim volontarju (78) jew proċedura qisha minn Qorti (79) imma dħalna fil-kamp ta' poter ta' Ministru li jaġixxi **fl-interess nazzjonali** jew **fl-interess tal-bastimenti Maltin** meta jordna l-għeluq ta' reġistrazzjoni ta' bastiment;

Mhux iżjed ksur ta' xi obbligu da parti ta' sid ta' bastiment. Anzi l-kliem li uża l-leġislatur, ċjoè "fl-interess" tal-pajjiż jew tal-bastimenti Maltin juri li tali deċiżjoni hija 'l fuq minn kull konċett ta' punizzjoni jew kastigi jew prova. Anzi fl-interess tal-pajjiż jew tal-flotta merkantili jista' jkun hemm bżonn li tingħalaq

reġistrazzjoni ta' xi bastiment mingħajr ma jkunx konsinjabbli li tiġi rrivelata r-raġuni jew raġunijiet li jkunu ġiegħlu lill-Ministru li jieħu dak il-pass. Altru "l-*evidence*" msemmija fl-artikolu 79 tal-liġi". Fil-każ ta' l-artikolu 80 il-leġislatur impona biss żewġ kundizzjonijiet: a) "*reasonable opportunity*" biex isiru b) "*representations*";

9. L-ewwel Qorti bir-rispett kollu ma tidhirx li għamlet distinzjoni bejn "*representation*" u "*arguments in defence that is evidence*". Dik il-Qorti qalet li biex isiru "*representations*" minn sid ta' bastiment il-Ministru jkollu bilfors jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu u jekk jonqos li jagħmel hekk ma jkunx ta "*reasonable opportunity*". Bir-rispett kollu, l-esponenti jissottomettu li dik il-Qorti naqset li tara s-sinfikat legali preċiż tal-kelma "*representations*" li żgur ma tfissirx u mhix ekwivalenti għal "risposta" jew "sottomissjonijiet" li qalet dik il-Qorti. Hekk, **bħal eżempju biss,** jekk qabel ma jkun se jsir xi proġett ta' interess nazzjonali l-pubbliku jiġi mitlub jagħmel "*representations*" tiegħu favur jew kontra dak il-proġett dan ma jfissirx li l-awtorità kkonċernata trid tisvela r-raġunijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha!;

10. L-ewwel Qorti b'sostenn għall-argument tagħha ċċitat ukoll id-De Smith. Però wieħed ma jridx jinsa li dak l-awtur ma kienx qed jitkellem speċifikament fuq xi artikolu tal-liġi simili bħal dak li nsibu fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili tagħna: inoltre dak l-awtur qal "*any right he may have to make **further** representations*", li mhux il-każ applikabbli fil-kwistjoni odjerna;

Jekk għalhekk il-Ministru aġixxa sewwa skond il-poteri mogħtija lilu bl-artikolu 80 tal-*Merchant Shipping Act* il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni tissindaka l-validità ta' l-att in

*kwistjoni u wisq inqas ma tista'* tobbliga lill-Ministru konvenut biex f'terminu prefiss jagħti lill-attur ir-raġunijiet li ġiegħluh jagħlaq ir-reġistrazzjoni tal-vapuri ta' l-attur *nomine";*

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ma taqbel xejn ma' l-interpretazzjoni li l-konvenuti appellanti qed jagħtuha lill-kelma *"representations", anzi mingħajr* l-iċken eżitazzjoni tiddikjara illi li kieku l-interpretazzjoni korretta hi dik sottomessa minnhom kieku l-leġislatur ipprovda għal biex isiru *"representations"* mhux għall-iskop li għalih evidentement sar dak il-provvediment iżda biex taparsi jagħti dritt ta' *"representations"* lil dawk li jkun sar jiġi *comunque* mċaħħad mir-reġistrazzjoni tal-vapur. L-appellanti allavolja *"to make representations"* universalment tfisser l-istess ħaġa u ċjoè li ġġib *'il quddiem arugmenti favur jew kontra xi suġġett jew materja* (ara dizzjunarju Ingliż – Malti 1947, Mons. K. Psaila) u allavolja fit-*test* Malti ta' l-art. 80(1) insibu l-kliem "biex jagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom" waslu għall-konklużjoni sorprendenti li *"representations"* "żgur ma tfissirx "risposta" jew sottomissjonijiet". Però kieku kien hekk xi skop kien ikun hemm fil-provvediment ta' l-istess art. 80(1) ta' l-Att imsemmi li mhux biss dak li jkun għandu jingħata l-opportunità jagħmel l-osservazzjonijiet *tiegħu iżda li dik l-opportunità mogħtija tkun* waħda xierqa?

*"To make representations"* għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, fit-*test* ta' l-artikolu msemmi altru milli tfisser dak li ssottomettew il-konvenuti appellanti tindika d-dritt ta' dak li jkun li jġib 'il quddiem ir-raġunijiet tiegħu in kontradistinzjoni għall-ħsieb tal-Ministru kkonċernat li jagħlaqlu r-reġistrazzjoni tal-

bastiment. Oltre dan din il-Qorti bħall-ewwel waħda tenfasizza l-importanza tal-provvediment imsemmi ta' l-istess artikolu li l-opportunità li għandha tingħata lil dak li jkun li jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu ma tridx tkun waħda taparsi jew purament formali biex taparsi ngħata l-opportunità iżda fi kliem l-istess liġi trid tkun waħda xierqa. Hawn qegħdin f'kawża li intrinsikament tirrikjedi ċerta serjetà għaliex jekk mill-banda l-waħda hemm l-interess nazzjonali jew l-interess tal-bastimenti Maltin li għalihom sar l-artikolu 80(1) mill-banda l-oħra li persuna titlef ir-reġistrazzjoni ta' bastiment merkantili altru milli ċajta tista' tkun u ġeneralment hi miżura katastrofika speċjalment f'termini ekonomiċi, merkantili u ta' impjiegi. Ma setax jonqos għalhekk li l-leġislatur meta introduċa l-artikolu 80(1) ipprovda wkoll, mhux biss għad-dritt li jsiru sottomissjonijiet iżda li tingħata opportunità xierqa biex dawn isiru;

Il-konvenuti appellanti ssottomettew li l-miżura kkontemplata bl-artikolu 80(1) ta' l-att imsemmi timposta deċiżjoni Ministerjali li hija 'l fuq minn kull kunċett ta' punizzjoni jew kastigi jew piena. Illi verament din il-Qorti ma tarax l-utilità ta' din l-asserzjoni għall-fini ta' l-eżerċizzju legali li jrid isir f'din il-kawża. Infatti, indipendentement minn kif jarawha l-konvenuti appellanti u minn jekk akkademikament il-miżura kkontemplata bl-artikolu 80(1) ta' l-att imsemmi għandhiex min-natura tal-piena jew le, ir-riżultat ta' tali miżura hu l-istess bħal fil-każijiet ikkontemplati fl-artikolu 78 u 79 ċjoè l-għeluq tar-reġistrazzjoni tal-bastiment bil-konsegwenzi kollha involuti;

Ikkunsidrat:

Illi in kontrapposizzjoni għall-motivazzjonijiet tas-sentenza

appellata l-konvenuti appellanti ssottomettew li *trattandosi* ta' miżura li tittieħed mill-Ministru fl-interess Nazzjonali jew fl-interess tal-bastimenti Maltin, l-istess Ministru mhux tenut li jiżvela x'ser ikunu r-raġunijiet li fuqhom tkun ser tittieħed dik il-miżura. Din il-konklużjoni però hi waħda li m'hix sostnuta u anqas issib konfort fil-liġi u kwistjoni. Infatti apparti milli ma kien hemm xejn x'iżomm il-leġislatur milli espressament jipprovdi illi meta tali deċiżjoni tittieħed fl-interess nazzjonali jew fl-interess tal-Bastimenti Maltin ma jkunx tenut li jiżvela r-raġunijiet tiegħu, l-istess leġislatur *invece* ta bl-aktar mod ċar id-dritt lil dak li jkun li jsemma leħnu billi jagħmel osservazzjonijiet u impona fuq il-Ministru l-obbligu li ma jgħaddix biex jieħu l-miżura kkontemplata qabel ma jkun ta l-opportunità xierqa lil dak li jkun jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu. Dan kellu jwassal lil din il-Qorti għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti u ċjoè li ma jistax jingħad li dak li jkun ikun ġie mogħti opportunità xierqa jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu jekk ma jkunx jaf x'inhuma r-raġunijiet li fuqha tkun ġiet ikkontemplata r-revoka tar-reġistrazzjoni;

Din il-Qorti wara li eżaminat il-provi taqbel ma' l-Ewwel Qorti li bla dubju ta' xejn l-attur ma ġiex mogħti l-opportunità xierqa biex jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu fuq il-kanċellament tar-Reġistrazzjoni taż-żewġ bastimenti tiegħu *Carabella* u *Mariabella*. Li jiġi infurmat li l-miżura kkontemplata kienet fl-interess tal-bastimenti Maltin mingħajr ma jingħad għaliex dan hu hekk mhux fil-fehma tal-Qorti suffiċjenti biex l-attur *nomine* seta' b'mod xieraq jagħti l-fehma tiegħu;

Dan, fil-fehma tal-Qorti, iġib bħala konsegwenza li bid-deċiżjoni ministerjali *de quo* kkomunikata lill-attur *nomine* mir-Reġistratur tal-Bastiment sar ksur ta' disposizzjoni espliċita ta'

liġi miktuba billi d-deċiżjoni ttieħdet qabel ma l-attur *nomine* ngħata opportunità xierqa jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu kif tassattivament jimponi l-art. 80(1) tal-*Merchant Shipping Act*. Dan il-ksur tal-liġi jirradika l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti fit-termini ta' l-artikolu 742(2)(b) tal-Kap. 12 (preċedentement 743(2)(b) tal-Kap. 15 u f'dan ir-rigward din il-Qorti hi tal-fehma li m'għandhiex għalfejn tirrepeti dak li hemm a propożitu fis-sentenza appellata peress li taqbel miegħu perfettament;

Ikkunsidrat:

Illi fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom a fol. 136, il-konvenuti appellanti ssottomettew ukoll illi l-Ewwel Qorti tat deċiżjoni *"extra petita" stante* li dik il-Qorti fid-deċiżjoni dwar l-ewwel talba attriċi "flok dak li fiha hemm mitlub" ikkonfezzjonat "minflok" rimedju li l-attur qatt ma kien talab fiċ-ċitazzjoni tiegħu;

Illi għalkemm dan l-aggravju ma ssemmiex espressament fil-petizzjoni ta' l-appell tagħhom, nonostante fil-fehma tal-Qorti, kif hu ppreżentat l-appell dan hu desoluttiv anke ta' dan l-aggravju li però din il-Qorti ma tarax sostnut;

Infatti għalkemm hu veru li l-attur talab ferm aktar milli fil-fatt ottjena bis-sentenza appellata nonostante dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti altru milli rimedju konpezzjonat biex jirrimedja għal dak li ma talabx l-attur hu essenzjalment parti minn dak li talab l-istess attur *nomine* u li fuqu dik il-Qorti rat li kellha ġurisdizzjoni tiddeċidi. Infatti l-poter tal-Ministru li taħt l-artikolu 80(1) ta' l-Att imsemmi jieħu l-miżura hemm ikkontemplata qatt ma ġie mess in dubju mill-attur *nomine* li *invece* afferma li dak il-poter ma ġiex eżerċitat fil-konfront tiegħu kif trid il-liġi. Id-

deċiżjoni appellata għalhekk hija perfettament fl-ambitu ta' dak li l-Ewwel Qorti ġiet adita tiddeċidi biċ-ċitazzjoni propotriċi ta' dan il-ġudizzju. Anki dan l-aggravju għalhekk qed jiġi respint;

Ser jiġi issa kkunsidrat l-appell inċidentali ta' l-attur *nomine;*

Kif ġà ngħad l-attur *nomine* illimita l-appell tiegħu għall-kap ta' l-ispejjeż. F'dan ir-rigward issottometta li in realtà l-kawża kollha kienet kawża ta' "l-*unreasonable opportunity*" ta' l-Onorevoli Ministru fejn li kieku mexa skond il-liġi dejjem u f'kollox din il-kawża ma kinitx issir. Għalhekk skond l-attur *nomine* l-konvenuti għandhom ikunu responsabbli għall-ispejjeż li huma kkaġunaw u speċjalment tenut kont li l-Ministru ma kienx aġixxa sewwa;

Illi fuq dan din il-Qorti ħasbet fit-tul iżda waslet għall-konklużjoni li trattandosi verament ta' disposizzjoni unika għal Malta u anke n-novità tal-kwistjoni d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar ispartizzjoni ta' l-ispejjeż inkorsi l-prim'istanza timmerita konferma u għalhekk mhix ser takkolji l-appell inċidentali;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi tiddisponi mill-appell prinċipali ċjoè dak interpost mill-konvenuti *nomine* u minn dak inċidentali ta' l-attur *nomine* billi tiċħadhom it-tnejn u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata b'dan però li t-terminu ta' ħmistax-il ġurnata ffissat mill-Ewwel Onorabbli Qorti għandu jibda jgħaddi mid-data ta' din is-sentenza u b'dan ukoll illi *in vista* tan-nota ta' rinunzja ta' l-attur *nomine* appellat tas-26 ta' Frar, 1985, dak li ġie deċiż u ordnat bl-ewwel sentenza għandu jiġi limitat għall-bastiment *Carabella.* L-ispejjeż kollha relattivi għall-appell porinċipali għandhom jiġu ssopportati interament

mill-konvenuti appellanti, mentri dawk relattivi għall-appell inċidentali jkunu a kariku ta' l-attur *nomine*.